MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 895/2005

**Pulizija
(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Carmel Mazzatelli**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmel Mazzatelli ta' 49 sena, bin Joseph u Pauline nee' Darmenia, imwieled Pieta' fis-7 ta' Frar 1956 u residenti Karmar Hse, Victory Street, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 148056(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Gewwa Hal-Far fil-21 ta' April 2004 bejn il-hinijiet tat-8.00am u 12.00pm bil-hsieb li jikkommetti serq minn fabbrika HF 26 gewwa, wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur (li jeccedi l-Elf Lira Maltin) bil-lok u bil-persuna u dan ai termini tal-Artikoli 261(b), (c), (d), (e), (g), 263 (a)(b), 267, 268(c)(d), 269 (c), 271(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' Mejju 2007 (esebita a fol. 73 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(d)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;

(b) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Gunju 2009, l-imputat Carmel Mazzitelli ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz odjern huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-21 ta' April 2004 il-Pulizija ta' Birzebbugia rcevew telefonata anonima fejn gew infurmati li kienet qed issir serqa mill-fabbrika HF26 gewwa Hal-Far. Meta PS 1312 u PC 829 marru fuq il-post huma sabu erba' individwi, Carmel Bondin, Jeffrey Bonello, Michael Zammit u Emerson Cuschieri li kienu hargu magna mill-fabbrika permezz ta' forklifter u kienu qed igorruwha lejn il-gate tal-istess fabbrika sabiex johorguha mill-premises. Irrizulta li Michael Zammit u Emerson Cuschieri kienu jahdmu mad-ditta tat-trasportar Miksons u li l-unka nvolviment taghhom kien jikkonsisti li gew imqabbdin mit-tnejn l-ohra sabiex

igorru l-makkinarju bil-forklifter. Carmel Bondin informa lil Pulizija li huma kienu awtorizzati mill-Malta Development Corporation sabiex igorru dan il-makkinarju izda meta l-Pulizija indagaw mal-Malta Development Corporation skoprew li hadd ma kien awtorizzat jew inghata struzzjonijet sabiex igorr makkinarju mill-fabbrika u gew infurmati inoltre li l-istess fabbrika kienet maghluqa u ma kinitx qed topera. Meta l-Pulizija regghu marru fuq il-post sabu li l-makkkinarju kien rega' ddahal lura gewwa l-fabbrika u huma arrestaw lil Carmel Bondin u Jeffrey Bonello ghal aktar stharrig. Bondin qal lil Pulizija li huwa kien gie infurmat miinn Carmel Mazzatelli (l-imputat fil-kawza odjerna), li kien jahdem part time mal-Malta Development Corporation, li kien hemm magna li tqatta l-injam ghall-bejgh u huwa (Bondin) kien sab lil Bonello li kien dispost jixtriha izda dan tal-ahhar xtaq li jara xi ritratti tal-makkinarju in kwistjoni u l-imputat kien provda xi ritratti tal-magna li wara li gew murija lil Bonello dan accetta li jixtriha, gie miftiehem prezz u imbaghad marru jaraw il-makkinarju fuq il-post u sussegwentement inkarigaw lil tal-Miksons sabiex imorru fuq il-post sabiex jitrasportaw din il-magna u kien f'dan l-istadju li l-Pulizija gew fuq il-post.

L-imputat Carmel Mazzatellli gie nterrogat mill-Pulizija u rrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 24 sa 27 tal-process fejn huwa qal li kien jaghmel xi xoghol part time mal-Malta Development Corporation u spjega li madawar tlett gimghat qabel kien kellmu Carmel Bondin li kien jigi minnu u qallu li kien hemm xi makkinarju gewwa fabbrika maghluqa f'Hal-Far Industrial Estate u qallu li kien jaf persuna nteressata tixtri xi magna tal-injam u talbu jgiblu r-ritratti tal-makkinarju li kien hemm gewwa l-fabbrika. L-imputat kompla jghid li huwa kien ghaddielu r-ritratti u wara li dawn damu ghand Bondin madwar jumejn dan tal-ahhar indikalu liema magna l-persuna in kwisjtoni kienet interessata li tixtri u huma ftehmu li jitolbu Lm4,000 bhala prezz ta' din il-magna u ftehmu wkoll li kienu ser jaqsmu l-flus bejniethom, u cioe' jiehdu Lm2,000 kull wiehed. L-imputat qal li huwa kien ha r-ritratti tal-makkinarju li kien hemm fil-fabbrika mill-vettura ta' certu Reno li jahdem mal-Malta Development Corporation. L-imputat qal li c-cavetta tal-fabbrika kienet ghand Bondin izda huwa

talabielu u dan tahielu u huma ftehmu mal-persuna li riedet tixtri l-magna sabiex imorru fil-fabbrika sabiex huwa jkun jista' jispezzjonaha u fil-fatt hekk ghamlu u f'din l-okkazzjoni, fejn l-imputat jghid li kien prezenti, huwa newwel ic-cavetta lura lil Bondin li mbaghad fetah il-katnazz tal-bieb tal-fabbrika. Huwa jghid li l-ghada filghodu ftehmu li kellhom jergghu jiltaqghu sabiex tigi trasportata l-magna izda l-imputat isostni li huwa f'dan l-istadju qal lil Bondin li ma ridx jibqa' aktar involut fil-bicca xoghol u li ma kienx aktar interessat li jiehu sehmu mill-prezz tal-bejgh tal-magna. L-imputat qal li wara xi hin cempillu Carmel Bondin u qallu li kienu marru l-Pulizija fuq il-post u huwa wara li qal lil Bondin sabiex ma jinvolvihx fil-kwistjoni qallu li kien ser icempel lil Reno tal-Malta Development Corporation sabiex jiskopri x'kien qed jigri u huwa f'dan l-istadju cempel lil Reno u qallu li kien hemm xi nies li kienu qed jippruvaw jiehdu xi makkinarju mill-fabbrika. L-imputat stqarr mal-Pulizija li meta huwa u Bondin kienu qed jippreparaw sabiex jiehdu l-magna u jbieghuha kienu jafu li dan kien jammonta ghal serq.

Ikkunisdrat:

Illi l-imputat fil-kaz odjern jinsab akkuzat b'tentattiv ta' serq ikwalifiikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-Lm1,000. Il-ligi titkellem dwar tentattiv ta' reat fl-Artikolu 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi "***Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati……jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tal-hati, l-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi".***

Mill-qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu t-tentattiv ta' reat li huma s-segwenti:-

*1. "Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.*
*2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.*

*3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.*

*Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt."*

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet irid issa jigi stabbilit jekk fil-kaz odjern jistghax jitqies li kien hemm bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt da parti tal-imputat. Qabel xejn irid jinghad li l-unika prova migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz dwar l-involviment tal-imputat fit-tentattiv ta' serq hija l-istqarrija minnu rilaxxjata.  Dan jinghad ghaliex mill-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni, u cioe l-Pulizija li marru fuq il-post wara li dahal ir-rapport dwar l-allegat serq, bl-ebda ma jirrizulta xi nvolviment iehor tal-imputat. F'dan il-kaz fil-fatt il-Prosekuzzjoni ma gabitx lil Carmel Bondin jew lil Jeffrey Bonello bhala xhieda. Il-Qorti jidrilha li mill-istqarrija tal-imputat  jirrizulta biss li huwa ppartecipa f'xi atti preparatorji ghad-delitt izda li huwa idesista milli jkompli jippartecipa fir-reat li kellu jsehh qabel il-bidu tal-ezekuzzjoni tal-istess delitt liema bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt sar semmai biss minn Bondin. L-imputat ghalhekk ma jistghax jinstab hati ta' tentattiv ta' serq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement qed tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------